GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Index No: ____________**

------------------------------------------------------------✂------------------------------------------------------------

**Il-kandidat m'għandux jikteb ismu fuq l-ebda paġna tal-karta tal-eżami.**

**Il-kandidat għandu jikteb l-*Index Number* darba BISS fl-ispazju pprovdut hawn fuq.**

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Gwardja tas-Sigurtà Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

## DIĊEMBRU 2025

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **It-Tnejn, 1 ta' Diċembru 2025**

**Ħin:** **Siegħa u nofs**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet; Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu bil-pinna blu jew sewda fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**

**Taħriġ 1: Il-Brimb** **(20 marka)**

Il-brimb huwa magħruf għall-kapaċità tiegħu li jagħmel strutturi mill-għanqbut. Imma mhux il-brimb kollu kapaċi jagħmel dan. (par. 1)

Il-brimb jagħmel parti mill-araknidi, annimali tal-art bi skeletru fuq barra u b'erba' pari saqajn. Il-ġisem tal-brimb huwa maqsum f'żewġ partijiet; ir-ras, li ġeneralment ikun fiha erba' pari għajnejn u erba' pari saqajn, u ż-żaqq li tkun imwaħħla mar-ras. Il-brimb insibuh jgħix kważi f'kull parti tad-dinja u kważi f'kull ambjent. Madwar il-Mediterran insibu eluf ta' speċi. F'Malta biss għandna bejn tliet mija u ħames mitt speċi. In-numru eżatt ta' kemm hawn għadu mhux magħruf peress li dawn l-araknidi għadhom ma ġewx studjati biżżejjed. (par. 2)

Kulur il-brimb jixbah ħafna lil dak tal-post fejn iħobb joqgħod u jgħix, u għalhekk ma tantx ikun jidher, speċjalment mill-insetti li ma jindunawx bih, tant li dawn sikwit jispiċċaw vittmi tiegħu. (par. 3)

Ħafna speċi ta' brimb jikkaċċjaw billi jħufu u jersqu nkiss inkiss lejn il-vittmi tagħhom. Hemm speċi oħrajn li meta jikkaċċjaw joqogħdu jistennew bla ma jitħarrku, kultant għal ħin twil, sakemm jersaq viċin tagħhom xi insett. Hekk kif dan joqrob biżżejjed lejhom, jaħtfuh b'saqajhom ta' quddiem u jinjettawlu velenu biex jilluppjawh jew joqtluh. (par. 4)

Minħabba l-aptit kbir tiegħu, il-brimb irid joqgħod attent ħafna meta jkun qed jinnamra. L-affari hija kkomplikata aktar peress li, ħafna drabi, ir-raġel huwa ħafna iżgħar mill-mara u jekk ma joqgħodx attent jispiċċa vittma tagħha. (par. 5)

(addattament minn *Il-Brimb tal-Fjuri* ta' Paul Portelli, mill-ħarġa ta' Mejju 2004 tas-*Sagħtar*)

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Għal xiex huwa l-iktar magħruf il-brimb? **(2 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Semmi ż-**ŻEWĠ** karatteristiċi tal-araknidi. **(2 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X’inhi l-aqwa ħaġa li għandu l-brimb biex tgħinu jikkaċċja? Dan kif jgħinu jaqbad il-vittmi tiegħu? **(3 marki)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Semmi **ŻEWĠ** metodi kif il-brimb jikkaċċja. **(2 marki)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. X’inhu l-periklu tal-brimb tas-sess maskili meta jiġi għan-namur, u għaliex? **(2 marki)**

______________________________________________________________________

6. Wara dak li qrajt, x’jagħtik tifhem li l-kittieb iħobb in-natura? **(3 marki)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Sib u ikteb il-kelma mis-silta li tfisser: **(3 marki)**

| | |
|---|---|
| a. binjiet (**minn par. 1**) | |
| b. ħafna drabi (**minn par. 3**) | |
| ċ. semm (**minn par. 4**) | |

8. Oħloq kelma/frażi li tfisser: **(3 marki)**

a. kapaċità (**minn par. 1**)

b. jħufu (**minn par. 4**)

ċ. jitħarrku (**minn par. 4**)

| |
|---|
| |
| |
| |

**Taħriġ 2: It-Tenur Malti ta' Fama Mondjali** **(30 marka)**

Oreste Kirkop twieled il-Ħamrun fis-26 ta' Lulju 1923, is-sitt tifel fost għaxra. Huwa jibqa' magħruf bħala tenur u attur Malti li għamel isem l-aktar bil-parti li ħadem fil-film ta' Hollywood, *The Vagabond King*.

Chircop beda l-karriera operistika tiegħu fl-1945 fir-Radio City Opera House tal-Ħamrun billi interpreta l-karattru ta' Turiddu fil-*Cavalleria Rusticana*. Fil-ħames snin ta' wara ħadem mas-60 irwol ta' tenur f'għaxar opri differenti, ħaġa li l-ebda tenur ieħor qatt ma għamel qablu. Huwa kien ikanta l-opra mal-kumpaniji Taljani li kienu jiġu Malta fejn kanta wkoll ma' tenuri ta' fama mondjali, bħal Tito Gobbi u Maria Caniglia.

Fl-1950, mar l-Ingilterra u kellu partijiet ewlenin ta' tenur mal-Carl Rosa Opera Company, u wara, mal-kumpanija Sadler's Wells fejn għamilha ta' Turiddu, Mario Cavaradossi u Rodolfo f'Luisa Miller. Huwa deher ukoll fuq il-BBC TV bħala Canio f'Pagliacci.

Fl-1954, Chircop għamel id-debutt tiegħu fir-Royal Opera House Covent Garden bħala d-Duka fir-*Rigoletto* u wara bħala Rodolfo f'*La Bohème*. Mario Azzopardi, kritiku tal-films jgħid li "Oreste Chircop saħħar ħafna udjenzi hawn Malta, barra minn Malta, Covent Garden u ħafna postijiet oħrajn. U fi żmien meta f'Hollywood kien hemm it-tenur ta' fama mondjali Mario Lanza, li kien naturalment fuq fomm kulħadd, in-nies xorta riedu jmorru jaraw il-films tiegħu."

Intant, Paramount Pictures ta' Hollywood, offrew lil Oreste Chircop kuntratt ta' Lm10,000 biex ikanta fil-parti ewlenija ta' François Villon f'*The Vagabond King* li ħareġ fl-1956. Dan kien l-ewwel film-mużikali tiegħu u l-uniku film ta' Hollywood għalih. Xi kritiċi mill-ewwel wissew lil Mario Lanza, li f'dak iż-żmien kien fl-aqwa tiegħu, biex joqgħod attent minn dan ir-rivali ġdid.

Wara *The Vagabond King*, Chircop kanta l-opra f'Las Vegas u fil-Hollywood Bowl u deher fuq l-NBC TV fil-produzzjonijiet ta' *Madame Butterfly*, *La Traviata* u *Rigoletto*. Skont il-kritiku Mario Azzopardi, Chircop kellu dispjaċir wieħed, dak li wasal tard f'Hollywood.

Fl-1958, it-tenur Malti rritorna Covent Garden, l-Ingilterra, u rtira mill-kant fl-età ta' 37 sena fl-1960, minħabba problemi f'qalbu. Fl-1996, Chircop ħareġ double CD album b'41 track ta' opri u kant.

Oreste Chircop kien miżżewweġ lil Therese u kellhom żewġt itfal.  Huwa miet fl-età ta' 74 sena fl-10 ta' Mejju tal-1998.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

   a) Tenur Malti ta' fama mondjali tfisser li Chircop: **(2 marki)**

      i. Kien popolari hawn Malta biss.
      ii. Kienu jafuh ħafna nies f'bosta pajjiżi.
      iii. Ftit li xejn kien magħruf.

   b) Oreste Chircop kien qed joħloq kompetizzjoni lil **(2 marki)**

      i. Mario Lanza.
      ii. Mario Cavaradossi.
      iii. Mario Azzopardi.

2. Immarka b'ċirku jekk hux **Veru** jew **Falz**. **(4 marki)**

   i. Chircop ħadem mal-għaxar irwoli ta' tenur f'sittin opri differenti. VERU / FALZ

   ii. Kellu x-xorti li jkanta ma' tenuri magħrufin. VERU / FALZ

3. Semmi **ŻEWĠ** karattri li interpreta Chircop fl-Opera House ta' Covent Garden. **(2 marki)**

| | |
|---|---|
| | |

4a. Għaliex il-film *The Vagabond King* huwa speċjali fil-karriera ta' Chircop? Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet. **(2 marki)**

________________________________________

________________________________________

4b. Skont Mario Azzopardi, x'kien l-akbar dispjaċir li kellu Chircop? Għaliex taħseb li kien dispjaċir għalih? **(3 marki)**

________________________________________

________________________________________

**5A. Il-Morfoloġija** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont dak mitlub fil-parentesi/brackets.**

Il-film *The Vagabond King* _______________ (kelma waħda għal *jieħu lilna*) fi Franza tas-seklu _______________ (ikteb 15 fi kliem), fi żmien ir-renju tar-Re Louis XI. F'dak iż-żmien, Pariġi kienet _______________ (partiċipju minn hedded) minn attakk mill-Burgundjani, u l-poplu kien fqir, bil-ġuħ, u rrabjat mal-monarkija.

Il-protagonist huwa François Villon, poeta famuż, ribelli u "vagabond" li _______________ (il-preżent ta' għex) fost il-poplu fqir ta' Pariġi. Villon għandu lsien _______________(aġġettiv minn qawwa) u qalbu kbira, jgħid il-verità bla biża', speċjalment kontra l-korruzzjoni tal-nobbli.

**5B. L-Ortografija** **(5 marki)**

**Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba minn dawk li hemm fil-parentesi/brackets.**

Meta r-Re **(Franċiż/Franċis)** jisma' l-poeżiji satiriċi tiegħu, **(jiddeċidi/jiddeċiedi)** li jagħmel esperiment: huwa jagħti lil Villon l-opportunità li jsir re għal jum wieħed, biex jara jekk "il-poeta tal-poplu" jafx imexxi aħjar.

Matul dan iż-żmien, Villon iħares lejn il-problemi tan-nies b'ġustizzja u passjoni vera. Jispiċċa jinqabad f'konflitt bejn il-**(lejalta/lealtà)** lejn il-poplu u l-imħabba tiegħu għal Katherine de Vaucelles. Meta l-Burgundjani jattakkaw, hu jmexxi **(lil-/lill-)** poplu biex jiddefendi lil Pariġi. Villon isalva lil Franza, iżda jħallas prezz għoli - jew jiġi eżiljat jew jitħalla jgħix bħala vagabond mill-ġdid. Il-verżjoni tvarja ftit **(skont/skond)** il-film.

**Taqsima B: Il-Kitba**
**Taħriġ 1: Il-Kitba ta' Proċess** **(10 marki)**

Ikteb proċessi ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli.

a) Tixtieq torganizza festin għal xi ħadd speċjali. Ikteb il-proċess kollu ta' din l-organizzazzjoni biex dan il-festin ikun suċċess.

*jew*

b) Id-Direttur talbek biex tippubblika rivista dwar il-ħidma tiegħek. X'inhu l-proċess kollu sabiex din ir-rivista tkun waħda interessanti u tinqara minn kulħadd?

***dawwar il-paġna għal Taħriġ 2***

**Taħriġ 2: IL-Komponiment Ġenerali** **(40 marka)**

Ikteb komponiment ġenerali ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli:

a) Malta m'għadhiex li kienet. Iddiskuti.
b) Mixja fil-kampanja li ma ninsa qatt.
ċ) Ikteb rakkont li jispiċċa: 'Mhux li kien għadna żgħar!'.

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI

PAĠNA VOJTA

PAĠNA VOJTA

PAĠNA VOJTA